**Progett Zejtun: Familja, Xoghol u Edukazzjoni**

Il-belt taz-Zejtun, dejjem kienet wahda importanti fix-Xlokk ta' Malta. Dan ir-rwol kien ghadu u jibqa hemm sakemm niehdu hsieb certu l-bazi li fuqhom hija mibnija din l-importanza jigifieri r-residenti taz-Zejtun.

Meta nitkellem mal-familji l-problema principali li jiffaccjaw biex isibu s-serenita necessarja huwa l-fatt li l-hajja dejjem toghla u mhux qed ilahhqu mal-ispejjez. Hafna jghiduli imma dan x'ghandu x'jaqsam mal-familja u s-serenita taghha. Ghandu x'jaqsam hafna ghax jekk il-membri tal-familja qed ikunu that stress kontinwu biex jiipprovaw jiggeneraw aktar flus biex jghixu jonqos il-hin li jistghu jiddedikaw lejn xulxin.

Ghalkemm hemm hafna xi jsir biex wiehed jassigura li jikkontrolla l-oghli tal-hajja, hemm ukoll hafna xi jsir biex wiehed jassigura li jkun hemm qliegh gust fil-familja. Dan jibbaza fuq zewg fatturi principali jigifieri dak li wiehed jassigura li jkun hawn xoghol ghal kulhadd u dak li jkun hemm remunerazzjoni xierqa.

It-tnejn li huma jibbazaw fuq zvilupp ekonomiku sostanzjali imma wiehed pjanifikat li jikunsidra ukoll il-bzonnijiet tal-lokalita u tal-familji fil-lokalitajiet. Minn dan il-lat nistghu nghidu li z-Zejtun kien kompletament injorat, anke fejn jidhlu affarijiet semplici. Wahda mid-diffikultajiet l-aktar evidenti li jiffaccjaw nisa tal-familja li jixtirqu johorgu jahdmu huwa l-bilanc bejn ix-xoghol u l-familja. Wiehed jistaqsi x'qed isir biex nghunuhom minn dan il-lat. Kultant nipretendu wisq minn min ihaddem meta jkun hemm soluzzjonijiet aktar facli minghajr ma jizdiedu l-ispejjez ghal minn jipprovdi x-xoghol.

Il-hin minn dan il-lat huwa fundamentali. Ghaldaqstant jehtieg li mhux niggeneraw ix-xoghol biss imma nassiguraw li niggeneraw ix-xoghol gewwa l-lokalita, f'dan il-kaz iz-Zejtun. Hafna jistaqsu imma x'nistghu niggeneraw fiz-Zejtun? L-ewwel haga ovvja hija attivta turistika li twassal ghal ftuh u/jedw tkabbir ta' hwienet. Iz-Zejtun minn dan il-lat ghandu potenzjal qawwi. Diga naraw xi turisti jduru biex jammiraw din il-belt mimlija storja, kultura, arti  u karatteristici. Barra minn hekk jekk dan naqduh mal-potenzjal li toffri l-bajja taz-Zejtun u kif ukoll Marsaskala allura l-opportunitajiet huma tremendi.
B'hekk mhux biss inkunu qed niggeneraw ix-xoghol ghan-nies f'Marsaskala u z-Zejtun, imma nkunu qed nassiguraw li l-proprjeta taghna gewwa z-Zejtun izzom il-prezz li jixirqilha filwaqt li niehdu mizuri ohra halli z-zghazagh taghna jkollhom l-opportunita' li jixtru l-proprjeta taghhom.

Filwaqt li nahdmu ghal dan l-izvilupp jehtieg li nassiguraw li dak li nizirghu ma jaghmilx hsara minn lat iehor u li jharesfit-tul ukoll. Ghal ftit flus zejda llum ejja ma neqirdux is-socjeta taghna u l-principji li nhadnu. Dawn il-principji huma l-futur taghna. Dan ifisser li jrid ikollna l-kuragg li nikkumbattu kwalunkwe attivita li taghmel hsara lill-familja, liz-zghazagh u lil principji fundamentali f'rispett lejn id-dinjita umana..

Iz-Zejtun joffri potenzjal kbir anke f'setturi ohra jekk nitghallmu nincentivaw u nhajru t-talent Zejtuni jikkumercjalizza ruhu dejjem aktar. Hawnhekk jidhol il-fattur tal-edukazzjoni. Hafna jifmu li l-edukazzjoni tfisser biss l-iskola tradizzjonali biss. Illum dan

mhux bizzejjed. Jehtieg inkomplu nedukaw ruhna halli nahtfu kull opportunita li jkollna quddiemna. Imma anke din l-edukazzjoni trid thares lejn il-familja. Inutli naghmlu attivitajiet li suppost jincentivaw halli jattendu n-nisa u l-attivita nfisha ma tharisx lejn dawn il-bzonnijiet. Iz-Zejtun, per ezempju, ghandu diversi nies ta' esperjenza. Dinl-esperjenza mhux qed tintuza kif jixraq. Per ezempju l-uzu tal-esperjenza tal-anzjani taghna tista twassal ghal generazzjoni ta' attivita ekonomika. L-anzjani generalment ikunu bnew diversi kapacitajet, diversi kuntatti u anke jkollhom certu vizjoni. Fihom wiehed isieb rizorsa imprezzabli. Illum aktar minn qabel dawk li jirtiraw dejjem qed jonqsu. Dan minhabba diversi ragunijiet. Ghaldaqstant ghandna opportunita ohra quddiemna li jekk nikkombinawa mal-energija zaghzugha Zejtunija l-opportunitajiet huma immensi.

Wiehed ma jistax ma jsemmix it-talenti li wiehed jinnota fid-djar taz-Zejtun partikolarment minn nisa tad-dar. Anke hawnhekk jehtied li nghinu biex dan it-ralent jirrizulta f'kontibuzzjoni finanzjarja lejn il-familja. Huwa maghruf li kull fejn sar dan il-mara hadet rwol differenti li wasal ghall-kontribuzzjoni dejjem akbar mill-mara tad-dar lejn il-familja.

Flimkien mal-Kunsill, mal-Knisja u mal-orgaizzazzjonijiet Zwieten nistghu nassiguraw livell ta' edukazzjoni gust gewwa z-Zejtun fejn jippromwovi l-idejat innovattivi, l-impreditorija u l-generazzjoni tax-xoghol dejjem fir-rispett lejn il-bzonnjijet tal-familja.

Dan johrog car ukoll mill-Pjan ghall-bidu gdid tal-Partit Laburista: "…il-Partit Laburista jaghraf bis-shih ir-rabta li hemm bejn is-sahha tal-familja, u n-nuqqas taghha, l-edukazzjoni ghad-diversi membri tal-familja, u n-nuqqas taghha , il-kriminalita, il-qaghd, is-sahha mentali u fizika, u l-izvilupp ekonomiku…"

Fl-isfond ta' dan, b'konsultazzjoni mal-poplu u mal-ghaqdiet fis-Zejtun jehtieg li nindirizzaw dak li qed jinkwieta l-familji taghna ghall-gid komuni taz-Zwieten li zgur iwassal f'kontribut ekonomiku nazzjonali. B'hekk Citta Beland tkompli tibni fuq l-istorja prestigjuza taghha ta' kontribuzzjoni lejn in-Nazzjon.

Ivan Buttigieg
www.ivanbuttigieg.com